MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 718/2006/1

**Daniel Borg**

**v.**

**Alfred Borg sew proprju kif ukoll bħala direttur u soċju**
**għan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**
**f'isem kollettiv A & D Borg**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI:**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-intimat Alfred Borg proprio et nomine minn sentenza parzjali tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Jannar 2007, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha. Id-decizjoni appellata tghid hekk:

**"Il-Qorti;**

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Awissu, 2006 li permezz tiegħu Daniel Borg espona bir-rispett:

1. Illi l-attur huwa soċju fis-soċjeta` f'isem kollettiv A & D Borg;

2. Illi skond kif jirriżulta mill-att kostituttiv tas-soċjeta` konvenuta (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. DB1), l-attur u ħuh Alfred Borg huma l-uniċi soċji ta' l-imsemmija soċjeta`;

3. Illi r-relazzjoni bejn l-attur u ħuh iddiġeneraw b'tali mod li m'għadx hemm dik il-fiduċja neċessarja bejn iż-żewġ partijiet li hija fattur essenzjali għall-eżistenza ta' soċjeta` f'isem kollettiv;

4. Illi tali telf ta' fiduċja wasslet għal "*deadlock situation*" fejn l-ebda deċiżjoni ma tista' tittieħed b'riżultat li s-soċjeta` ma tistax tilħaq l-għanijiet li għalihom twaqqfet, liema stat qiegħed ikun ta' preġudizzju għall-pożizzjoni finanzjarja u ekonomika ta' l-attur qua soċjetarju;

5. Illi jirriżulta illi n-nuqqas ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ soċji wassal lis-soċjeta` fi stat fejn ma tistax tkompli topera;

6. Illi l-kawża fost oħrajn tas-sitwazzjoni preżenti huwa li l-mod ta' kif tmexxew, qed jitmexxew jew x'aktarx jitmexxew l-artijiet tas-soċjeta` huwa oppressiv, b'mod mhux ġust, diskriminatorju kontra jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju għall-interessi ta' l-attur;

7. Illi għalhekk jirriżulta li jissussistu raġunijiet gravi li jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta` konvenuta a tenur ta' l-Art. 35(d) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi l-attur kien preċedentament intavola ċitazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti (Ċit. Nru. 983/04JA) fl-ismijiet premessi;

9. Illi din l-Onorabbli Qorti permezz ta' sentenza tat-tletin (30) ta' Ġunju, elfejn u sitta (2006) iddeċidiet li l-proċeduri de quo kellhom jiġu inizjati permezz ta' rikors u mhux permezz ta' ċitazzjoni minn liema sentenza ma sarx appell u l-attur ħallas l-ispejjeż kollha fir-rigward ta' din il-kawża;

"Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi, Tagħmel l-Ordnijiet u Tieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji *pendente lite* sabiex l-assi tas-soċjeta` u l-interessi tas-soċji tas-soċjeta` konvenuta jiġu mħarsa, inkluż il-ħatra ta' amministratur provvisorju sabiex provvisorjament u *pendente lite* jamministra l-assi u n-negozju tas-soċjeta` konvenuta taħt dawk id-direttivi u ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

2. Tiddeċiedi u tiddikjara li jissussistu raġunijiet gravi li jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta` konvenuta a tenur ta' l-Art. 35(d) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali ta' l-istess soċjeta`.

4. Taħtar l-istralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar il-Kumpaniji.

"Bl-ispejjeż, b'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri fil-liġi u l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Alfred Borg, ippreżentata fil-11 ta’ Ottubru, 2006 li permezz taghha eċċepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni odjerna ma setgħetx tiġi proposta għax din hija sussidjarja għar-rabta kuntrattwali ai termini ta’ l-arikolu 5 ta’ l-Att Kostituttiv li kien jipprovdi rimedju li huwa fakultattiv għal kull soċju jekk eżerċitat fit-terminu hemm stabbilit, li jitlob ix-xoljiment tas-soċjeta`. Illi una volta l-lanjanzi ta’ l-attur jirrisalu għall-perjodu qabel ma skattat l-aħħar proroga taż-żmien imsemmi f’dak l-artikolu, allura hu ma setax jipproċedi bil-kawża odjerna u dan anke in omaġġ mal-prinċipju ‘*selecta una via non datur recursus ad alteram’*, kwindi l-esponent anke f’dan ir-rigward għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi kif jissottometti l-istess rikorrent kemm fil-premessi u kif ukoll fid-dikjarazzjoni, kien hemm nuqqas ta’ koperazzjoni, pero’ fil-verita’ din kienet ġejja min-naħa tar-rikorrent. Fis-sustanza s-soċjeta` in kwistjoni prosperat u fil-fatt għad għandha kull potenzjal li tipprospera; pero’ minn meta r-rikorrent kien riesaq għall-eta’ pensjonabbli u tifel minn tiegħu li kien ex-impjegat mieghu stabbilixxa ruhu fl-istess linja ta’ kummerċ, ir-rikorrent beda jaghmel minn kollox biex is-sens ta’ fiduċja reċiproka li kien hemm bejniethom tiġi frantumata. Huwa minnu li bl-aġir tiegħu, ġieli anke vjolenti, ir-rikorrent kien u għadu qiegħed jagħmilha diffiċli biex is-soċjeta` tiġi amministrata b’dik is-serenita’ li jixirqilha biex b’hekk dan beda jirrifletti fuq il-produttivita’ tas-soċjeta`. Għalkemm l-esponent jammetti li jekk isaltan is-sens komun, il-kontendenti jistgħu jibqgħu għaddejjin fi triq ta’ prosperita’ u f’dan is-sens ma jaqbilx li s-soċjeta` għandha tiġi stralċjata.

3. Illi l-eċċipjent ilu s-snin qua ko-soċju, jaħdem manwalment u anke jamministra fit-termini ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att kostruttiv u cioe’ mhux waħdu iżda flimkien b’mod konġuntiv ma’ l-attur. Illi inoltre l-eċċipjent, apparti x-xogħol manwali, bi ftehim mar-rikorrent kellu u għad għandu l-kompitu’ illi jżomm il-kotba tal-kumpanija u

jagħmel l-ordinijiet tax-xogħol. Dan ser jiġi ippruvat u jista' jiġi kkonfermat minn diversi *accountants* u awdituri tas-soċjeta`.

4. Illi l-eċċipjent dejjem aġixxa u adempixxa d-doveri tiegħu fl-interess tas-soċjeta`, u kwalunkwe pretensjoni li kien hemm da parti tar-rikorrent fil-konfront ta' l-esponent kienet ġiet definittivament issaldata u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.

"Rat il-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali.

"Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2004 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati.

"Ikkunsidrat;

"Illi l-intimati qed jopponu għat-talba tar-rikorrenti biex is-soċjeta` in kwistjoni tiġi stralċjata minħabba li l-artiklu 5 ta' l-att kostituttiv tagħha jgħid hekk;

""*The period fixed for the duration of the Partnership is five years commencing from the date of registration, but the partnership shall be automatically renewed for similar periods of five years at the termination of each such periods of five years at the termination of each such periods unless one of the partners gives notice in writing by registered post three months before the due date of renewal to the effect that he opts for termination; provided that the partnership shall be automatically dissolved and liquidated on the death of any partner.*"

"Is-soċjeta` ġiet kostitwita f'Mejju 1983 u għalhekk l-aħħar skadenza tagħha kienet f'Mejju 2003. L-initmat qed jargumenta li ladarba r-rikorrenti naqas li jtemm is-soċjeta` dak in-nhar, irid jistenna sas-sena 2008 biex jitterminaha u ma jistax għalhekk jinvoka l-Artikolu 35 (d) tal-Kapitolu 386. Dan l-artiklu jgħid illi;

““*Ikun hemm xoljiment ta’ soċjeta` f’isem kollettiv – jekk bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 21 ta’ dan l-att, fil-fehma tal-Qorti ikun hemm raġunijiet gravi li jiġġustifikaw ix-xoljiment.*”

"L-Artikolu 21 jirrigwardja t-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sieħba u għalhekk ma hux rilevanti għal dan il-każ. Il-mistoqsija għalhekk hija jistax soċju jitlob ix-xoljiment tas-soċjeta` minħabba li jkun hemm raġunijiet gravi *nonostante* li l-att kostituttiv jipprovdu termini regolari biex kull soċju jista’ jtemm is-soċjeta`.

"Il-Qorti tħoss li s-sub inċiż in kwistjoni ried ikun ta’ lqugħ għal sitwazzjoni mhix prevista mill-att kostituttiv. Infatti kieku l-liġi riedet tillimita l-possibilta’ tas-sieħba li jtemmu s-soċjeta` biss għall-perjodu msemmi fl-att kostituttiv ma kinitx tipprovdi għal dan ir-rimedju. Tant hu hekk li l-artikolu imsemmi jipprovdi fost oħrajn, żewġ possibiltajiet oħra għat-terminazzjoni u cioe’ jekk it-terminu previst jiskadi jew jekk l-att kostituttiv jipprovdi mod ieħor, ossija *f’dawk il-każijiet l-oħra li dwarhom ikun provdut fl-att tas-soċjeta`.* Fi kliem ieħor ladarba din il-possibilta’ li wieħed itemm is-soċjeta` teżisti fil-liġi u hija msemmija testwalment il-Qorti ma tħossx li għandha tillimita d-dritt tas-soċju, f’dan il-każ tar-rikorrent għaliex hu ma pprevalixxiex ruħu minn dak li jipprovdi l-Artikolu 5 fuq imsemmi.

"Il-Qorti tasal biex taqbel ma’ l-argument li ressaq l-abbli difensur ta’ l-intimat li l-problemi kienu jeżistu <u>qabel</u> l-2003 u dan jidher ċar anke minn dak li qal l-istess rikorrent meta xehed. Jidher infatti ċar illi l-problemi bejn il-partijiet bdew ċirka fl-1996 għal raġunijiet li mhux importanti jiġu msemmija. Saru wkoll sforzi reċiproki biex jiġu solvuti l-problemi, iżda dawn l-isforzi ma rnexxewx. Kien għalhekk li fl-2006 ir-rikorrenti beda dawn il-proċeduri. Dan pero’ kif gia’ ingħad, ma jfissirx li r-rikorrenti tilef xi dritt naxxenti mill-Artikolu 35 (d) ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji.

"**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimati u tordna t-tkomplija tal-kawża. L-ispejjeż ta’ din l-istanza huma riservati għall-ġudizzju finali.**"

**Ir-rikors ta' l-Appell ta' l-intimat Alfred Borg proprio et nomine:**

2.1. L-intimat appellant hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Qorti tal-Prim Istanza u interpona appell minnha bis-segwenti aggravju:

2.2. Huwa jargumenta li l-ewwel Qorti kienet ghal kollox zbaljata meta ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni moghtija minnu u rragunat li Daniel Borg seta' jipprocedi ai termini ta' l-Artikolu 35(d) tal-Kap. 386 a bazi tal-fattur ta' gravita`, fattur li skond hu mhux biss ma ngiebu l-ebda provi fuqu s'issa, izda huwa ghal kollox estranju ghall-ewwel eccezzjoni. Huwa ma jaqbilx mar-ragjonament tal-Qorti ghaliex minkejja li l-istess Qorti stabbiliet li l-problemi ta' bejn il-partijiet ezistew minn qabel l-2003 ikkonkludiet li Daniel Borg seta' jipprocedi ai termini ta' Artikolu 35(d) tal-Kap. 386, u cioe` fuq il-punt li jezistu ragunijiet gravi biex is-socjeta` tigi stralcjata. Huwa jghid li l-eccezzjoni moghtija ma kinitx tirrigwarda jekk jezistux cirkostanzi gravi li jimmeritaw li tigi jew ma tigix stralcjata s-socjeta`. L-appellant isostni li Daniel Borg ma setax jipprocedi bl-azzjoni odjerna u dan minhabba li l-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv tas-socjeta` (Dok. DB1) jistabbilixxi ghal kemm zmien giet stabbilita s-socjeta` u x'avviz irid jinghata biex dan iz-zmien ma jkomplix jiggedded. Il-lanjanzi u l-pretensjonijiet ta' Daniel Borg jirrisalu ghall-1996 u allura skond l-appellant l-istess Daniel Borg messu ezercita d-dritt tieghu li jaghti avviz biex it-terminu ta' l-operazzjoni tas-socjeta` tieqaf u mhux jipprocedi bil-kawza odjerna kif fil-fatt ghamel, "u dan anke in omagg tal-principju *selecta una via non datur recursus ad alteram*". L-appellant issottometta li minn punto di visto legali l-ewwel eccezzjoni tieghu kellha tigi akkolta. B'hekk jitlob lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu u allura tordna l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tieghu, bl-ispejjez kontra l-appellat.

**Ir-Risposta ta' l-Appell tar-rikorrent Daniel Borg:**

3.1. L-appellat Daniel Borg jargumenta li, kuntrarjament ghal dak allegat minn Alfred Borg fir-rikors ta' l-appell

tieghu, il-Qorti fil-fatt bl-ebda mod ma dahlet fil-kwistjoni "*jekk kinux jezistu cirkostanzi tant gravi li jimmeritaw li tigi jew ma tigix stralcjata s-socjeta`*".

3.2. Dwar it-tezi ta' l-appellant li gialadarba l-appellat ma pprevaliex ruhu mid-dritt moghti lilu mill-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv tas-socjeta` biex jitlob ix-xoljiment tas-socjeta` m'ghandux allura jkollu d-dritt li jipprevalixxi ruhu mid-dritt moghti lilu mill-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitlob ix-xoljiment ghar-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 35 ta' l-Att. Dan hu hekk minhabba l-principju legali illi *selecta una via non datur recursus ad alteram*. L-appellat jissottometti li c-cirkostanzi odjerni ma jinkwadrawx ruhhom fl-applikazzjoni ta' l-istess principju. L-appellat isostni invece li biex ikun hemm l-applikazzjoni ta' dan il-principju bl-effett ta' eskluzjoni fuq rimedji ezistenti ohrajn hemm bzonn li t-titulari jkun di fatti ezercita azzjoni wahda minn dawk li hemm disponibbli ghalih. Huwa jargumenta li ghalkemm l-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv surreferit joffri metodologija dwar kif tista' tigi xolta s-socjeta` in kwistjoni, din mhix azzjoni nnifisha – id-dritt kien ikun konvertit f'azzjoni kieku huwa ghazel li jipprocedi a bazi taghha. L-appellat isostni wkoll li d-dritt ta' azzjoni li jaghti l-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv huwa dritt fakultattiv u ma jistax jigi impost fuq is-socji u jeskludi rimedji ohrajn li l-ligi toffri. Dwar Artikolu 35 tal-Kap. 386 li jistipula dawk l-istanzi fejn ikun hemm xoljiment ta' socjeta` f'isem kollettiv jargumenta li l-fatt li tezisti istanza wahda ma teskludix id-dritt tas-socju li jirrikorri ghal dan ir-rimedju abbazi ta' istanza differenti. Jinsisti kwindi li l-ligi ma tirrikonoxxi l-ebda forma ta' gerarkija fir-rimedji li huma ghad-dispozizzjoni tas-socji. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellat jidhirlu li l-aggravju ta' l-appellant huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

4. L-appell jikkoncerna talbiet ghax-xoljiment u stralc tas-socjeta` A & D Borg, jew ahjar, il-procedura (jew proceduri) li jista' jaghzel socju biex is-socjeta` in kwistjoni tigi terminata.

Fuq naha wahda hemm Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv tas-socjeta` (Dok DB1) li jistipula li gej:
"*The period fixed for the duration of the Partnership is five years commencing from the date of registration, but the Partnership shall be automatically renewed for similar periods of five years at the termination of each such period unless one of the partners gives notice in writing by registered post three months before the due date of renewal to the effect that he opts for termination: provided that the Partnership shall be automatically dissolved and liquidated on the death of any partner.*"

U fuq in-naha l-ohra hemm l-Artikolu 35 ta' Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Kumpaniji) li jipprovdi hekk:
"35. Ikun hemm xoljiment ta' socjeta` f'isem kollettiv:

(a) meta z-zmien stabbilit, jekk il-kaz, ghad-dewmien taghha jiskadi;

(b) jekk, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 21, is-socji kollha hekk jifthiemu;

(c) jekk is-socjeta` tkun dikjarata falluta;

(d) jekk fil-fehma tal-Qorti jkun hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment;

(e) jekk in-numru ta' socji jigi ridott ghal anqas minn tnejn u jibqa' hekk ridott ghal izjed minn sitt xhur;

(f) bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 21, f'dawk il-kazijiet l-ohra li dwarhom ikun provdut fl-att tas-socjeta`."

5. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-appellat Daniel Borg, meta deherlu li kienu jezistu diversi problemi bejnu u bejn huh, is-socju l-iehor Alfred Borg, sabiex is-socjeta` kollettiva A & D Borg tkompli tiffunzjona, ghazel li jipprocedi a tenur ta' Artikolu 35(d) tal-Kap. 386 fuq citat sabiex il-Qorti tiddikjara li jezistu ragunijiet gravi li

jigguztifikaw ix-xoljiment u stralc tas-socjeta` u tordna l-istess xoljiment u stralc tas-socjeta` in kwistjoni.

**<u>Dwar il-precedenza o meno tar-rabta kuntrattwali fuq Artikolu 35(d) tal-Kap. 386:</u>**

6.1. L-appellant Alfred Borg fl-ewwel eccezzjoni tieghu jinsisti li r-rikorrent appellat Daniel Borg ma setax jipprocedi permezz ta' tali istanza, ghax skond hu "*din hija sussidjarja ghar-rabta kuntrattwali ai termini ta' l-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv li kien jipprovdi rimedju li huwa fakultattiv ghal kull socju jekk ezercitat fit-terminu stabbilit, li jitlob ix-xoljiment tas-socjeta`.*"

6.2. Jirrizulta mill-provi akkwiziti li s-socjeta` in kwistjoni giet kostitwita fil-11 ta' Mejju 1983 ghal perjodu ta' hames snin, b'dan illi l-istess socjeta` tibqa' tiggedded awtomatikament ghal perjodi simili ta' hames snin sakemm wiehed mis-socji ma jaghzilx li jittermina s-socjeta` in kwistjoni billi permezz ta' ittra registrata jinforma lis-socju l-iehor bl-intenzjoni tieghu tlett xhur qabel l-iskadenza ta' kull terminu ta' hames snin, u cioe` tlett xhur qabel il-11 ta' Mejju 1988, 1993, 1998, 2003 kif hemm jissemma'.

6.3. Skond l-appellant, ladarba jezisti dan ir-rimedju ghad-dispozizzjoni ta' kull socju sabiex huwa jitlob ix-xoljiment tas-socjeta`, ma jistax socju allura jipprocedi a tenur ta' l-Artikolu 35(d) tal-Kap. 386 surreferit kif ghamel l-appellat f'dan il-kaz. Il-qofol ta' din il-kawza huwa precizament dan il-punt: l-appellant jinsisti li l-Artikolu 5 huwa l-<u>uniku</u> rimedju possibbli, filwaqt li l-appellat jinsisti li dan mhux il-kaz.

7. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha li gew prodotti, hija tal-ferma konvinzjoni li dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien gust u korrett. Din il-Qorti ma thossx li l-Artikolu 35(d) tal-Kap. 386 huwa "*sussidjarju ghar-rabta kuntrattwali ai termini ta' Artikolu 5*" kif qed jargumenta l-appellant. L-Artikolu 35 ikopri, fost affarijiet ohra, sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta` [Artikolu 35(d)] kif ukoll dawk il-kazijiet l-ohra li dwarhom ikun provdut fl-att

tas-socjeta` [Artikolu 35 (f)]. Fil-kaz odjern, socju jista' jiddeciedi li jipprocedi skond Artikolu 35(f) tal-Kap. 386 u sempliciment jinforma lis-socju l-iehor li "*he opts for termination*" skond Artikolu 5 ta' l-att tas-socjeta`, u jista' jiddeciedi li jipprocedi skond Artikolu 35(d) f'liema kaz irid imbaghad jissodisfa lill-Qorti li hemm ragunijiet gravi ghax-xoljiment. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-appellat fir-risposta tieghu li l-ligi ma tirrikonoxxi l-ebda forma ta' gerarkija fir-rimedji li huma ghad-dispozizzjoni tas-socji.

8. L-appellant fl-ewwel eccezzjoni tieghu jargumenta inoltre li gialadarba l-problemi fis-socjeta` jirrisalu ghall-perjodu qabel ma skattat l-ahhar proroga taz-zmien imsemmi fl-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv allura l-attur appellat ma setax jipprocedi bil-kawza odjerna. Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi ta' l-appellant li darba li l-attur ghazel li ma jipprocedix skond l-Artikolu 5 ta' l-att tas-socjeta`, minkejja li kienu jezistu diversi problemi bejn is-socji, allura ma jistax jipprocedi a tenur ta' l-Artikolu 35(d) tal-Kap 386.

9. Jigi rilevat li l-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv ma jirrikjedix li jkun hemm ragunijiet specifici ghaliex socju jista' jaghzel li jittermina s-socjeta` a tenur ta' l-istess Artikolu. L-Artikolu 5 sempliciment fil-fatt isemmi l-kelma "*opts*", li timplika fiha d-dritt ta' 'ghazla'. Ghalhekk jekk kienux effettivament jezistu problemi jew le fis-socjeta` *de quo* u meta dawn il-problemi bdew fil-fatt jezistu huma konsiderazzjonijiet irrilevanti ghall-iskop ta' l-Artikolu 5 imsemmi.

10. Il-fatt li l-appellat ghazel li ma jipprocedix skond Artikolu 5 qabel Mejju 2003, minkejja l-problemi ezistenti, ma jfissirx li huwa kien gia` ghazel it-"triq" tieghu inezorabbilment. L-Artikolu 5 ta' l-att kostituttiv joffri procedura kif tista' tigi xolta s-socjeta` in kwistjoni, imma l-fatt li wiehed jaghzel li ma jipprocedix a bazi taghha mhix azzjoni fiha nnifisha u bl-ebda mod ma jammonta ghal telf ta' xi dritt naxxenti mill-Artikolu 35(d) tal-Kap. 386 fuq citat.

**Dwar ir-ragjonament ta' l-Ewwel Qorti fuq il-Punt tal-Gravita`:**

11. Finalment din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kumment ta' l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu dwar ir-ragjonament ta' l-ewwel Qorti, fejn jikkontendi li l-Qorti kienet ghal kollox zbaljata meta kkonkludiet li "*Daniel Borg seta' jipprocedi a bazi tal-fattur tal-gravita`, fattur li mhux biss ma ngiebu l-ebda provi fuqu sa issa, izda li huwa ghal kollox estranju ghall-eccezzjoni....*"

Kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni tal-gravita` tal-problemi ezistenti. Hija sempliciment irrikonoxxiet li kienu jezistu problemi qabel l-2003 u anke qabel din id-data, izda effettivament illimitat ruhha biex tiddeciedi fuq il-punti imqajma fl-ewwel eccezzjoni.

**Decide**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-appellant bl-ispejjez ta' dana l-appell kontra l-appellant. Tordna fl-ahharnett li l-atti tal-kawza jigu rinvjati mill-aktar fis quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-fini ta' kontinwazzjoni u determinazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------